TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 184/18/B

Jason Genovese u Nemat Schembri
Vs
Charichelon Co. Ltd

Illum, 17 Frar, 2020

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit-18 ta' Dicembru 2018

Ra r-risposta tal-intimata datata 15 ta' Frar 2019

Ra l-Atti tal-process u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semgha ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti qed titlob hlas fl-ammont ta' € 1347 ghad-danni subiti ossija l-ispejjes tal-holiday li huwa bbukaja mas-socjeta intimta u € 500 bhala danni morali

Illi fir-risposta taghha, l-intimata cahdet it-talba tar-rikorrenti u dan peress illi preliminarjament socjeta' intimata offriet pagament lir-rikkorenti a soldu tal-pretensjonijiet taghha u ukoll peress li kancellament tat-titijiriet ma kienx jiddependi mis-socjeta intimata izda kien rizultat ta' azzjoni lil hin mill-kontroll tas-socjeta' intimata;

Illi r-rikorrenti xehed bil-gurament illi huwa ibbukja holdiay ghal parigi ghal 4 persuni gewwa Parigi, Franza. Illi nhar 21 ta' Marzu 2018 r-rikorrenti gie infurmat mis-socjeta intimata illi l-flight ghal Franza kien gie cancelled. Illi socjeta' intimata offrew lir-rikorrenti flight lejn Brussel u iehor minn Brussel ghal Franza. Illi r-rikorrenti kienu regghu gew infurmati illi l-flight minn Brussel ghal Franza kien intela' u ghalhekk is-socjeta intimata offiet illi l-vjaggar isir minn Malta - Brussel u minn Brussel sa' Franza permezz ta' train.

Illi r-rikorrenti accettaw u filfatt dahlu fi spizja ulterjuri ta' € 319 spejjez ta' high speed train, metro train u bus ride. R-rikkorenti ukoll ilmenta illi l-lukanda ma kienetx tal-livell mistenni tant illi kienet differenti ferm minn dik murija fuq il-katalgu mis-socjeta' intimata.

Illi Colin Aquilina in rapprezentanza tas-socjeta' intimat xehed bil-gurament fejn irrileva illi l-flight tar-rikorrenti skedata ghat-22 ta' Marzu 2018 gie ikkancellat minhabba strikes gewwa Franza. Illi s-socjeta' intimata offrew titjira Malta- Brussels - Parigi li kienet gie offruta mill-AirMalta plc stess. Illi sakemm sar kuntatt mar-Rikorrenti Nemat Schembri il-flight minn Brussels ghal Parigi lahaq intela'. Illi ghalhekk is-socjeta' intimata infurmawh illi setghu joffru biss titjira Malta Brussels u wara minn Brussel r-rikorrenti kellhom jaqbdu trains ghal Parigi a spejjez taghhom. Illi s-socjeta' intimata fuq talba tar-rikorrenti ghamlet ilment mal-Airmalta minhabba il-kancellament pero' l-Airmalta sahqu illi l-kancellaent tal-flight kienet lil hinn mill-kontroll taghhom minhabba strike. Illi s-socjeta' intimata infurmat lir-rikorrenti bid-decizjoni tal-Airmalta u offrew lir-rikorrenti refund tat-transfer mill-airport ghal hotel.

Illi Colin Aquilina ipprezenta Dok 'B' li hoja kopja tal-ittra mibghuta lir-rikorrenti flimkien ma cheque fl-ammont ta' € 59 u foromola li kienet taqra:

> *"We declare that we do not have any complaints, expectations or claims, against Charcichelon Co. Ltd and/or ROCS Travel and/or ROCS Group and/or Directions Travel Agency and/or their respective associated and/or related companies and/or agents.*
>
> *This payment is not be constructed as a form of admission, guilt or shortcomings of Charcichelon Co. Ltd and/or ROCS Travel and/or ROCS Group and/or Directions Travel Agency and/or their respective associated and/or related companies and/or agents, but merely as a confirmation, if need be, of its continuous endeavour to ensure customer satisfaction"*

Ikkunsidrat:

Illi t-Tribunal irid qabel xejn jikkunsidra jekk l-kumpens moghti ta' € 59 mis-socjeta' intimata kienx wiehed a saldu tal-pretensjonijiet kollha li r-rikorrenti kellhom jew setghu kellhom u ghalhekk li xxejjen l-azzjoni *de quo*.

Illi t-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti Jason Genovese jikkonferma in kontro ezami Dok 'B' ossija illi huwa rcieva c-cheque moghti lilu mis-socjeta intimata ghalkemm kellu dubju jekk kienx rcieva l-formola annessa mac-cheque. Illi Colin Aquilina ikkonferma illi l-ewwel cheque li kien ntbat lir-rikorrenti ma kienx wasal u ghalhekk kienu batu cheque

iehor flimkien mad-dikjarazzjoni. Illi l-intimata jinnota illi l-formola filfatt ma gietx mibghuta lura lis-socjeta' intimata pero ic-cheque kien gie msarraf.

Illi fic-crikostanzi tal-kaz it-Tribunal jinnota illi mal-istess cheque u dikjarazzjoni kien hemm ukoll ittra datata 04 Dicembru 2018 li kienet tindika: *"Kindly sign the attached form and send it back to us in self-addressed envelope enclosed with this letter"*. Illi ghalhekk ghat-Tribunal jidher car illi mal-cheque ir-rikorrenti kien rcieva l-ittra mibghuta minn Colin Aquilina kif ukoll il-formola li ghalija ssir referenza. Illi ghalhekk it-Tribunal jqis illi d-dokumenti determinanti ghas-soluzzjoni ta' l-avviz hija propju l-formola mibghuta li fiha dikjarazzjoni illi l-pagament moghti kien full and final settlement.

Illi din id-dikjarazzjoni ma gietx iffirmata mir-rikorrenti Jason Genovese. Pero' kif gi deciz minn dan it-Tribunal kif diversament kompost fil-kawza: *Antoine u Christine Micallef vs Charichelon Co Ltd* deciza 17 t' April 2019, il-fatt illi c-cheque gie imsarraf huwa minnhu nnifsu accettazzjoni tat-tisrif taht dawk il-kondizzjonijiet moghtija mis-socjeta' intimata u cioe' illi r-rikorrenti ma kellhom iktar pretensjonijiet fil-konfront tas-socjeta' intimata.

Illi fil-kawza *'Peter u Madeleine, konjugi Vella de Fremeaux vs Eagle Star (Malta) Limied (C-104) pro et noe'* deciza mil-Qorti tal-Appell Sede Superjuri datata 09 ta' Novembru 2002 il-Qorti rrilevat:

> *"l-principju enuncjat mill-Qorti tal-Appell [sede kummercjali], li l- kreditur m'ghandux dritt ibiddel unilateralment il-modalita` ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u ghalhekk mhuwiex legalment konsentit li, min jaccetta pagament kondizzjonat bi kliem li inekwivokabbilment jfissru li dak il-pagament kien qed jigi effettwat ghas-saldu, ibiddel il-modalita` ta' dak il-pagament"*

Illi ghalhekk skont l-insenjament tal-Qrati taghna l-accettazzjoni tar-rikorrenti billi sarraf c-cheque moghti lilu mis-socjeta' intimata jwassal lir-rikorrenti ma jistax jahrab mill-konsegwenzi ta' dokument Anness mal-istess cheque. Illi t-Tribunal jirrimarka illi gialadarba r-rikorrenti kien diga' irrifera l-ilment tieghu quddiem l-MCCAA huwa messu stenna l-ezitu' ta' tali ilment qabel accetta u ssarraf cheque lilu moghti inkluz bil-kundizzjonijiet illi huwa ma kellu ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tas-socjeta' intimata liema accettazzjoni xejnet l-azzjoni odjerna.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti ghandha tigi michuda.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq spejgati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata u jichad it-talba attrici bl-ispejjez ta' dawn il- proceduri jkunu a karigu tar-rikorrenti.

Avv. Paul Borg
Arbitru